***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

***Servitu'***

***Distanzi***

***Twieqi***

***Gallarija***

***MEPA Policy***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Erbgha, 30 ta' Marzu 2016.

**Rikors Numru: 330/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 330/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Andrea Selvaggi ID258083(M)**

**vs**

**Anthony Grima u martu Josianne Bongailas Grima (56278M), (223381M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrent Andrea Selvaggi datat it-2 ta' Marzu 2016 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament:

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli:

jibdew ix-xoghlijiet strutturali li qed jigu kontemplati li jigu ezegwiti fis-sular ta' fuq il-bejt tal-fond ossija dar numru 15, Triq is-Salvatur, iz-Zejtun peress illi tali xoghlijiet ser jilledu d-drittijiet proprjetarji tal-istess rikorrent li huwa proprjetarju tal-fond ossija dar adjacenti numru 23, Triq Habel Ix-Xghir, Iz-Zejtun;

Illi x-xoghlijiet jikkonsistu fil-ftuh ta' apertura minn tieqa ghal bieb u l-kostruzzjoni ta' gallarija gdida li tisporgi b'metru u

nofs (1.5m) u wiesgha seba' metri (7m), li ser taggrava s-servitu' li attwalment il-fond ossija dar residenzjali proprjeta` tar-rikorrent isofri fil-konfront tad-dar tal-intimati;

Illi l-intimati applikaw mal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) sabiex jissanzjonaw terrazzin li kienu bnew precedentement u sabiex iwahhlu tinda fuq dan it-terrazzin. Madanakollu jirrizulta illi l-intimati tefghu pjanti godda li fihom it-tinda giet indikata bhala gallarija li ghandha tinbena u li tisporgi mis-sular ta' fuq il-bejt tal-fond taghhom ghal fuq il-fond proprjeta' tar-rikorrent;

Illi dina l-applikazzjoni numru PA/03226/15 giet approvata illegalment bi ksur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, kif inhu ampjament spjegat fil-kopja annessa (Dok A1) tat-talba ghar-revoka tal-permess imsemmi mibghuta lill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);

Illi wara li l-intimati tefghu l-applikazzjoni numru PA/03226/15 fit-3 ta' Lulju 2015, ma twahhlet l-ebda *Site Notice* skont il-ligi (jew inqalghet mill-ewwel). Kien biss wara li dina l-applikazzjoni giet approvata fis-6 ta' Novembru 2015 li twahhlet *id-Decision Notice* mal-faccata tal-proprjeta' tal-intimati (ritratt anness bhala Dok A2), li fiha madanakollu kienet ghadha tindika li l-permess approval kien *"To sanction increase of balcony at first floor, construct* ***an overlying canopy*** *and carry out internal alterations";*

Illi r-rikorrent inkariga lil Perit Paul Buhagiar sabiex jikkonferma jekk il-permess approvat kienx fil-fatt intiz biex jigi sanzjonat terrazzin li kienu gja bnew illegalment l-intimati u sabiex fuqha tittella' tinda ossija **canopy** skont id-Development Control Policy & Design Guidance 2007 li tiddefinixxi **canopy** bhala *a structure or projection fixed directly to, and supported from, the facade of a building. It is structurally and visually light and normally retractable* (estratt anness bhala Dok A3);

Illi mill-pjanta annessa Dok A4 li giet sottomessa mill-intimati ghall-approvazzjoni tal-MEPA, din it-tinda inbidlet bl-aktar mod makkjaveljan f' gallarija vera u proprja, deskritta madanakollu fil-pjanta tal-intimati maghmula mill-Perit Charles Buhagiar bhala *"To Sanction Extension to Terrace at First Floor and to* ***Construct Shade".*** Ghalkemm ir-rikorrenti ghadhom ma bdewx iwettqu l-ebda xoghol, jidher mir-ritratt anness bhala Dok A5 illi x-xoghol huwa imminenti peress li gja bdew igibu l-gebel;

Illi kien hemm tliet ragunijiet ghalfejn l-intimati hadu din id-dawra kollha ta' *misleading representations* sabiex jakkwistaw il-permess ghal din il-gallarija: l-ewwel wahda hija li gallarija kif mixtieqa mill-intimati hija senjatament projbita mid-Development Control Policy & Design Guidance 2007 (estratt anness bhala Dok A6, A7, A8) peress li m'hemmx id-distanza minima rikjesta kif ukoll peress li l-gallarija proposta thares ghal gol-kmamar tas-sodda tar-residenza tar-rikorrent u ghalhekk l-applikazzjoni

kienet tigi *refused* a priori; it-tieni, permezz ta' din il-gallarija u l-ftuh ta' aperturi minn twieqi ghal bibien ser jaggravaw is-servitujiet ezistenti fil-konfront tar-rikorrent li naturalment qieghed joggezzjona bil-qawwa kollha sabiex jissalvagwardja d-drittijiet petitorji tieghu; u t-tielet raguni hija ghaliex din il-gallarija ser tnaqqas drastikament il-valur fis-suq tal-proprjeta' tar-rikorrent peress li minn privatezza assoluta issa ser ikun espost letteralment ghal fuq palk pubbliku bin-nies iharsu ghal fuqu (kif jidher mir-ritratti Dok A9, A10);

Illi l-hsieb tal-intimati illi jibnu gallarija enormi li tkompli mal-bejt tal-intimati stess u li thares direttament fuq il-gnien, *pool deck,* u kmamar tas-sodda tar-rikorrent kif jidher mir-riratti annessi, giet ikkonfermata bl-aktar mod lampanti meta l-intimati **fis-16 ta' Frar 2016** talbu Minor Amendments lill-MEPA sabiex ikabbru dik li issa apertament qed tissejjah **Balcony,** minn metru (1m) fond ghal metru u nofs (1.5m) fond (Dok A 11);

Illi din il-gallarija li ser tinbena u l-apertura li ser tinfetah thares ghal fuq il-kmamar tas-sodda tal-proprjeta' tar-rikorrent u ghalhekk iz-zieda fis-servitu' li ser ibati r-rikorrent hija aggravata mill-fatt illi ser tonqoslu kompletament il-privatezza li kellu fid-dar tal-abitazzjoni tieghu;

Illi x-xoghlijiet li jehtiegu jsiru sabiex tinbena din il-gallarija ta' cirka hdax il-metru kwadru huma ta' natura strutturali

sostanzjali u ghalhekk il-pregudizzju li ser isofri r-rikorrent huwa wiehed irrimedjabbli;

Illi r-rikorrent ghalhekk jitlob umilment illi dan il-mandat jigi milqugh provizorjament sakemm ma tinghata decizjoni finali minn dina l-Onorabbli Qorti;

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmjel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess Mandat ta' Inbizzjoni ghas-smigh ghall-15 ta' Marzu 2016; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju utlerjuri, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Anthony Grima KI 56278M u Josianne Bongailas Grima KI 223381M datata 7 ta' Marzu 2016 a fol 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr Jan Karl Farrugia talab li jipproduci x-xhud il-

Perit Paul Buhagiar. Dr Jason Grima oggezzjona ghall-produzzjoni tax-xhud il-Perit Buhagiar u dan peress li din is-seduta ma kinitx imhollija biex jinstemghu il-provi imma ghall-ezami tar-rapport tal-perit imqabbad mill-Qorti u ghat-trattazzjoni finali. Il-Qorti laqghet it-talba billi l-Perit Saliba jinsab imsiefer u mhux f'pozizzjoni li jwiegeb ghall-mistoqsijiet tar-rikorrent, u ghalhekk ha tisma' lil dan ix-xhud. Xehed bil-gurament tieghu l-Perit Paul Buhagiar, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob li l-intimati jigu inibiti milli jibdew ix-xoghlijiet strutturali fis-sular ta' fuq il-bejt tal-fond ossija d-dar numru 15, Triq is-Salvatur, iz-Zejtun, peress illi tali xoghlijiet ser jilledu d-drittijiet proprjetarji tieghu fuq il-fond ossija dar adjacenti, numru 23 fi Triq Habel ix-Xghir iz-Zejtun.

L-istess rikorrent ippremetta li x-xoghlijiet jikkonsistu fil-ftuh ta' aperturi minn tieqa ghal bieb u l-kostruzzjoni ta' gallarija

gdida li tisporgi b'metru u nofs (1.5m) u wiesgha sebgha metri (7m). Il-lanjanzi tieghu huma tlieta:-

li dawn ix-xogholijiet ser jaggravaw s-servitu' billi l-gallarija thares ghal gol-kmamar tas-sodda tar-residenza tieghu;

li l-intimati kkommettew *misleading representations* mal-MEPA billi applikaw ghall-tinda (*canopy*) filwaqt li fil-pjanta sottomessa minnhom it-tinda hija murija bhala gallarija vera u propja, u dan bi ksur tal-Development Control Policy & Design Guidance 2007 billi ma hemmx id-distanza misthoqqa;

li ser tnaqqas drastikament il-valur tal-proprjeta tieghu billi dan l-izvilupp ser inehhi l-privatezza assoluta li jgawdi attwalment.

Illi l-intimat oppona ghat-talba billi jsostni li mhu qed jipprospetta xejn li ser jikser id-drittijiet petitorji tar-rikorrent. Cahad ukoll dak addebitat dwar il-permessi mahruga u inoltre, ssottometta li r-rikorrent ma jistax jippretendi privatezza assoluta meta id-dar tieghu hija imdawra bil-bini.

**Dritt**

Illi ll-hrug ta' dan il-Mandat qed jintalab fit-termini **tal-artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Hu pacifiku li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **(Grech proprio et nomine vs Manfre)** fuq citat b'dan li jkun hemm

---

[1] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u *"**40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**"* P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010.

[2] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*"** P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

**Jedd *'Prima Facie'***

Applikati dawn il-principji ghall-fatti, din il-Qorti ssib li r-rikorrent ma jissoddisfax dan l-element mehtieg bil-ligi ghall-hrug ta' dan il-mandat.

Din il-Qorti innominat lill-Perit A & CE Alan Saliba sabiex jirrelata dwar id-distanzi kemm tat-terrazin kif ukoll tal-gallarija prospettata u, senjatament, sabiex jikkonstata jekk dawn humiex konformi mal-ligi .

Fir-rapport tieghu pprezentat fil-21 ta' Marzu 2016, il-Perit sab fir-rigward tal-gallarija, li hija proprja l-mertu tal-mandat odjern, li l-gallarija tesporgi ghal fuq it-terrazzin tal-intimati

u ghal fuq il-bejt tal-kamra tal-banju taghhom u mhux ghal fuq il-fond proprjeta' tar-rikorrent. It-tieqa ser ticcarrat biex isir bieb li jservi ta' access mill-*washroom* tal-intimati ghal gol-istess gallarija. Ikkonstata li dan il-bieb mhu ser ibiddel xejn ghal dak li jirrigwarda prospett billi l-veduta minn dan il-bieb propost ser jibqa' l-istess veduta li tezisti mit-tieqa.

F'dak li jirrigwarda d-distanzi, sab li l-gallarija prospettata ikollha distanza ta' 4.91 metri mill-hajt divizorju bejn il-kontendenti mentri l-gallarija fuq il-bejt tal-kamra tal-banju tinsab f'distanza ta' 3.0 metri mill-istess hajt divizorju. Ghalhekk ikkonkluda li l-gallarija tinsab f'distanza ta' 3.0 metri u aktar mill-hajt divizjorju u kwindi "*fid-distanzi stabbiliti mir-regolamenti sanitarji, filwaqt li l-istess gallarija giet approvata mis-sanita' fil-permess mahrug mill-MEPA referenza PA03226/15 kif jirrizulta mill-pjanta DOK '65A' annessa ma' dan ir-rapport.*"

Ghaldaqstant ikkonkluda li "*Ghalhekk fil-mertu tal-Mandat odjern, minnbarra li l-gallarija prospettata mill-intimati fil-livell tal-bejt (flimkien mal-ftuh ta' bieb li jaghti ghall-istess gallarija) ma tiksirx id-distanzi permessi mil-ligi, jezistu sahansitra rimedji billi jigi mgholli l-hajt divizjorju bejn il-kontendenti (li fil-prezent huwa gholi 5.9 metri) jew inkella billi jinbena hajt gholi ta' 1.80 metri mat-tarf tal-istess gallarija.*"

Illi din il-Qorti ma issibx raguni ghalfejn ghandha tiskarta l-perizja teknika u ghaldaqstant qed taddottaha u taghmilha

taghha. Il-lanjanza tar-rikorrent huwa li l-gallarija hija pprojbita mid-*Development Control Policy & Design Guidance 2007.* Izda fl-estratt li annetta huwa stess bhala **Dok A6, A7 u A8** jirrizulta li d-distanza minima li ghandha tigi osservata hija ta' 3 metri, distanza li ser tinzamm bil-kostruzzjoni kif ipproggettata. Din il-Qorti tinnota ghal kull bwon fini li dawn il-linji gwida jirreferu ghall-gallariji f'*semi - detached and detached buildings* u ghall *new residential development* - fejn il-kaz odjern bl-iktar mod car u indiskutibbli jikkoncerna bini residenzjali qadim (ara wkoll rapport tal-Perit Tekniku para 2.1). Il-proprjetajiet tal-kontendenti huma *back to back* f'Urban Conservation Area u anke mir-ritratti ma jidhirx li hemm privatezza bejn id-djar, kif, *del resto*, hija haga solita fejn hemm bini qadim li jmiss wiehed mal-iehor.

Premess il-kostatazzjoni fattwali tal-kejl tad-distanzi, ma hemm xejn li wiehed jista' izid. Fir-rigward tal-allegat aggravju ta' servitu, jidher anke mir-ritratti li l-intimat ghandu zewgt itwieqi fil-*washroom* u wahda minn dawn ser tinfetah ghall-bieb.

Ir-rikorrent qed jakkampa fuq il-Policy Guidance fuq imsemmi, kif ukoll jallega li l-izvilupp ser jaggrava s-servitu' tal-fond servienti tieghu.

Il-qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti.

Il-principji generali fil-materja ta' servitu' huma pacifici fil-gurisprudenza taghna. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc. Cance nomine,** datata 7 ta' Frar, 1953, tal- Prim Awla tal- Qorti Civili (Vol. XXXIII.II p.637 *et sequitur)* gie ritenut:

*"Illi kull proprjetarju ghandu l-jedd li jgawdi u jiddisponi minn hwejgu bil-mod l-aktar assolut"* – riflessjoni tal**-Artikolu 320 tal-Kodici Civili**. Pero', l-istess Artikolu jkompli, u ghalhekk hu dipendenti mill-fatt u mill-kondizzjoni hemm imposta li: "*.....basta li bihom ma jaghmilx uzu ipprojbit mil-ligi".*

Din il-kondizzjoni hi riflessjoni fl-invjolabbilita' tad-dritt tal-proprjeta', li b'hekk wiehed ma jigix disturbat fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu, fosthom anke d-dritt ta' sigurta' fi hwejgu.

Effettivament il-ligi timponi distanza minima li trid tinzamm bejn tieqa u l-hajt divizorju li jaqsam bini kontigwi (**Art 443 tal-Kap.16).** Fuq din il-materja, interessanti dak li jghid l-awtur *Baudry Lacantinerie*[3] *"Le vedute sono aperture che lascione penetrare l'aria e la luce insieme e che permettono inoltre di gettare uno sguardo che penetra sul fondo altrui."* Jghid li dak li japplika ghall-tieqa, jew apertura, japplika "*ad un balcone, prolungamento di una finestra."*[4] Madanakollu fil-kaz odjern, lanqas jista' jinghad

[3] Trattato di Diritto Civili - Dei Beni- Sez.IV pp778
[4] op cit . p 784

li hemm servitu' li jista' jigi aggravat ghalhiex it-twieqi jaghtu ghal fuq il-proprjeta' tal-intimat stess u b'hekk ma hemmx servitu' - *nemini res sua servit sed prodest iure proprietatis.*

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova l-jedd tieghu fuq bazi *prima facie* biex jottjeni l-hrug tal-mandat in mertu.

Il-proceduri li pprezenta mal-MEPA biex jimpunja l-permess mahrug mhumiex ta' rilevanza ghall-procedura odjerna li hija wahda eccezzjonali fejn il-jedd li qed jivvanta r-rikorrent huwa jedd ta' proprjeta'. Kif hu risaput, il-proceduri inkorsi quddiem il-MEPA huma indipendenti u minghajr pregiudizzju ghad-drittijiet civili ta' proprjeta' u jekk il-MEPA ssib li kien hemm xi irregolarita' fil-hrug tal-permess, anke abbazi ta' nuqqasijiet proceduralі, din id-decizjoni ma tivvinkolax id-dritt proprjetarju tal-partijiet fih innifsu ghalkemm twaqqaf l-izvilupp billi dan ikun jirrikjedi, oltre d-dritt civili, il-permess mill-awtoritajiet ikkoncernati.

Tant hu hekk li gie ritenut f'dan ir-rigward, li l-fatt waħdu li persuna tkun qiegħda twettaq żvilupp mhux konformi mal-permessi maħruġa ma jagħtix lil terza persuna l-jedd li tipprova twaqqfu u lanqas, milli jidher, l-interess ġuridiku biex iniedi proċeduri ġudizzjarji għal dan il-għan[5]. Kif jingħad f'kull permess ta' żvilupp li jinħareġ, l-għoti ta' permess bħal dak jingħata dejjem bla ħsara għall-jeddijiet

[5] B'eżempju P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Philip Galea et vs Tigne' Developments Co Ltd et***

ta' terzi, u huwa biss fejn tali terzi juru li jistgħu jġarrbu ħsara diretta bi żvilupp li l-liġi tnissel l-interess ġuridiku għall-għoti ta' rimedju[6];

Dan kollu qed jinghad apparti l-konsiderazzjoni li d-decizjonijiet u *policies* li jistghu jittiehdu mill-Awtorita` imsemmija m'humiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti kif fl-**Att 1 tan-1992** jispecifika.

**Irrimedjabbilita'**

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta' irrimedjabbilita' gjaladarba ikkonkludiet li l-element ta' jedd *prima facie* ma giex soddisfatt. Kif gja premess, iz-zewg elementi huma kumulattivi u jekk jonqos wiehed minnhom, il-mandat ghandu jigi michud.

Tillimita ruhha biex tosserva li safejn jirrigwarda l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, dan jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[7]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat.

---

[6] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Eminyan vs Mousu' pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.429**)

[7] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, u semghet it-trattazzjoni, **taqta' u tiddeciedi**, billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-2 ta' Marzu 2016 fejn laqghet it-talba provizorjament, u minnflok, tichad it-talba.

L-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrent.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2016**